**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI**

**LAQGĦA NRU 19**

**Il-Ħamis, 29 ta' Awwissu 2024**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi ltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.38 p.m.

L-Onor. Chris Agius, President tal-Kumitat, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Karol Aquilina, l-Onor. Deo Debattista (sostitut), l-Onor Adrian Delia, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Amanda Spiteri Grech u l-Onor. Julie Zahra kienu preżenti.

Il-President tal-Kumitat spjega li l-Onor. Clayton Bartolo kien talab li jirrikuża ruħu minn din il-laqgħa peress li wieħed min-nominati preżentement huwa Chairperson ta' entità li taqa' taħt id-dekasteru tiegħu.

**MINUTI**

Il-Minuti ta' Laqgħa Nru 18 li saret fl-24 ta' Ġunju 2024, kienu kkonfermati.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAL-PROFESSUR STEPHEN MONTEFORT GĦALL-KARIGA TA' KUMMISSARJU GĦOLI TA' MALTA RESIDENTI GĦALL-INGILTERRA**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian BorG, datata 20 ta' Ġunju 2024, dwar in-nomina tal-Professur Stephen Montefort għall-ħatra ta' Kummissarju Għoli ta' Malta Residenti għall-Ingilterra.

Il-Kumitat stieden lill-Professur Montefort sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Il-Professur Stephen Montefort daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lil Prof. Montefort li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Il-Professur Montefort ta rendikont tal-karriera tiegħu bħala tabib speċjalizzat fis-saħħa respiratorja għal dawn l-aħħar 40 sena. Ħadem fis-settur tas-saħħa, fl-edukazzjoni medika kif ukoll fis-settur privat. Huwa spjega li apparti l-esperjenza li għandu bħala tabib, kien bena esperjenza fis-settur diplomatiku bil-ħidma tiegħu biex jintlaħaq ftehim dwar trattati mediċi, kif ukoll bil-ħidma tiegħu fil-Kunsill Mediku u riċerki importanti internazzjonali.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u saret diskussjoni bbażata fuq dawn il-mistoqsijiet.

Fl-4.53 p.m. il-President tal-Kumitat irringrazzja lill-Professur Stephen Montefort u talbu sabiex jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fl-4.54 p.m. il-laqgħa rriżumiet u meta l-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tal-Professur Stephen Montefort għall-ħatra ta' Kummissarju Għoli ta' Malta residenti l-Ingilterra, il-membri kollha tal-Kumitat ivvutaw favur.

Il-ħatra proposta għaddiet nem. con.

Fl-4.54 p.m. il-Kumitat stieden lill-Professur Stephen Montefort jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Prof. Montefort daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Kummissarju Għoli ta' Malta residenti l-Ingilterra kienet ġiet approvata unanimament mill-Kumitat u li, skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) u fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ.

Il-Professur Stephen Montefort irringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

## SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAS-SUR MARIO JOSEPH AZZOPARDI GĦALL-KARIGA TA' CHAIRPERSON TAL-AWTORITÀ GĦALL-AZZJONI DWAR IL-KLIMA

L-Onor. Andy Ellul ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat li n-nominat li kien imiss, is-Sur Mario Joseph Azzopardi, preżentement kien maħtur fuq bord li hu stess kien maħtur fih. Il-Kumitat iddeċieda li ma kienx hemm il-ħtieġa li l-Onor. Andy Ellul joħroġ mill-kamra waqt dan is-smigħ.

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir l-Onor. Miriam Dalli, datata12 ta' Lulju 2024, dwar in-nomina tas-Sur Mario Joseph Azzopardi għall-ħatra ta' Chairperson tal-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima.

Il-Kumitat stieden lis-Sur Azzopardi sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Fl-4.57 p.m. is-Sur Mario Joseph Azzopardi daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lis-Sur Azzopardi li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Is-Sur Azzopardi ta rendikont tal-karriera tiegħu fis-settur pubbliku. Huwa qal li f'dawn l-aħħar 11-il sena kiseb esperjenza fl-immaniġġjar ta' diversi entitajiet privati u pubbliċi. Serva bħala chairperson tal-Awtorità Maltija għar-Riżorsi (MRA) u okkupa wkoll il-kariga ta' Deputat Kap Eżekuttiv tal-Malta Air Traffic Services Ltd. Huwa studja fl-Università ta' Malta fejn iggradwa fil-Kummerċ, fl-Accountancy, bl-unuri u għandu Masters fis-Servizzi Finanzjarji.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u saret diskussjoni bbażata fuq dawn il-mistoqsijiet.

Fil-5.22 p.m. il-President tal-Kumitat irringrazzja lis-Sur Mario Joseph Azzopardi u talbu sabiex jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fil-5.28 p.m. il-laqgħa rriżumiet u meta l-President tal-Kumitat ġie biex iqiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tas-Sur Mario Joseph Azzopardi, l-Onor. Adrian Delia ppropona li din in-nomina tiġi revokata u tintbagħat lura għand il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir peress li wara s-smigħ li kien għadu kemm sar, il-membri tal-Oppożizzjoni fil-Kumitat iħossu li n-nominat mhux idoneju għal din il-kariga minħabba nuqqas ta' għarfien dwar is-suġġett tal-kariga li kien qed jiġi nominat għaliha.

Il-proposta tal-Onor. Delia m'għaddietx.

Meta l-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tas-Sur Mario Joseph Azzopardi għall-ħatra ta' Chairperson tal-Awtorità tal-Azzjoni dwar il-Klima, intalbet votazzjoni.

Il-Kumitat ivvota hekk:

| **VOTAZZJONI NRU 5** | **ĦIN: 5.31 p.m.** |
|---|---|
| **Favur: 4** | **Kontra: 3** |
| L-Onor. | L-Onor. |
| Chris Agius | Karol Aquilina |
| Andy Ellul | Adrian Delia |
| Amanda Spiteri Grech | Julie Zahra |
| Deo Debattista | |

Il-ħatra proposta għaddiet.

Fil-5.32 p.m. il-Kumitat stieden lis-Sur Mario Joseph Azzopardi jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Is-Sur Azzopardi daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Chairperson tal-Awtorità tal-Azzjoni dwar il-Klima kienet ġiet approvata mill-membri tal-Kumitat u li, skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) u fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir.

Is-Sur Azzopardi rringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TA' DOTT. GAVIN GULIA GĦALL-KARIGA TA' AMBAXXATUR TA' MALTA RESIDENTI GĦALL-POLONJA**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borġ, datata 16 ta' Lulju 2024, dwar in-nomina ta' Dott. Gavin Gulia għall-ħatra ta' Ambaxxatur ta' Malta Residenti għall-Polonja.

Fil-5.33 p.m. il-Kumitat stieden lil Dott. Gavin Gulia sabiex jidher quddiem il-membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Il-President tal-Kumitat informa lil Dott. Gavin Gulia li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Dott. Gavin Gulia tkellem dwar il-ħidma tiegħu bħala Chairman tal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta (MTA) għal numru ta' snin; is-suċċessi u l-isfidi li l-Awtorità ffaċċjat matul l-aħħar snin; l-effett tal-pandemija fuq l-industrija tat-turiżmu; ir-relazzjoni li teżisti mal-istakeholders fl-industrija; l-importanza tal-konnettività u l-marketing strategy tal-MTA fiż-żmien tal-pandemija u l-irkupru li għamel it-turiżmu fi żmien iqsar minn dak previst. Huwa qal li għalkemm kien kuntent bħala Chairperson tal-MTA, iħoss li din il-kariga serviet biex bena biżżejjed esperjenza diplomatika li jkun f'pożizzjoni li jikkonsidra li jagħti kontribut differenti lill-pajjiż.

Fil-5.43 p.m., il-President tal-Kumitat irringrazzja lil Dott. Gavin Gulia u talbu sabiex jirtira mill-kamra sakemm il-kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fil-5.43 p.m., meta l-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina ta' Dott. Gavin Gulia bħala Ambaxxatur ta' Malta residenti l-Polonja, il-membri kollha tal-Kumitat ivvotaw favur din il-ħatra.

Il-ħatra proposta għaddiet nem. con.

Fil-5.44 p.m. il-President tal-Kumitat stieden lil Dott. Gavin Gulia jidħol fil-kamra u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Ambaxxatur ta' Malta residenti l-Polonja kienet ġiet approvata unanimament mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, u l-Kummerċ.

Dott. Gavin Gulia rringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

Fis-5.45 p.m. il-Kumitat ikkonkluda d-diskussjoni u aġġorna.

**EMMA TERRIBILE**
**SKRIVANA TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS**

**PRESIDENT TAL-KUMITAT**